MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 327/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Johan J. Fenech)**
**Vs**
**Nazzareno Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 t'Ottubru 2007, bejn l-16.00 u l-16.30, f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. ġab ruħu b'mod li ta fastidju lit-tfal tiegħu Reno Zarb ta' disa' snin u lil Maria Graziella Zarb, lil martu Mary Zarb kif ukoll lil ommu Tessie Zarb u l- familjari tiegħu u b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal dawk il-persuni;

2. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil ħaddieħor , u cioe' lit-tfal tiegħu, lil martu kif ukoll lil ommu, biża' li se tintuża

vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil ħaddieħor hekk biża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet;

3. ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq it-tifel tiegħu Reno Zarb ta' disa' snin u fuq martu Mary Zarb hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr.A. Grech;

4. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix il-ħamsin lira Maltin (Lm50) imma hija iżjed minn Lm10 Maltin;

5. ħebb kontra t-tifla tiegħu Marija Graziella Zarb u kontra ommu Tessie Zarb sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara;

6. għamel lill-familjari tiegħu inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, jinġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

7. huwa kien reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Appell Kriminali ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 t'Awwissu, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 251A(1)(4), 251B(1), 221(3)(4), 325(1)(d), 339(1)(d), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kap. 9 illiberat lill-appellant mir-raba', mill-hames, mis-sitt imputazzjoni w mill-addebitu tar-recidiva (is-seba' imputazzjoni) u sabitu hati tal-ewwel (izda fil-konfront tat-tifel Reno Zarb biss), tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni, bit-tielet imputazzjoni assorbita fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, waqt li applikat l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet u kkundannatu ghal erba' xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-appellant ghadda taht arrest preventiv.

Il-Qorti applikat ukoll l-artikolu 412C tal-Kap. 9 u ghalhekk harget Ordni ta’ Protezzjoni ghal zmien sena. Il-kondizzjonijiet tal-Ordni huma :
a) li l-appellant jara lil ibnu Reno Zarb fil-presenza ta’ ommu jew ta’ xi social worker biss;
b) li la jhedded lil ibnu Reno Zarb u lanqas lil martu (mart l-appellant) Marija Zarb.

Il-Qorti wissiet lill-appellant jekk b’xi mod ma josservax dawn il-kondizzjonijiet jista’ jinstab hati ta’ reat li jgorr mieghu piena massima ta’ sitt xhur prigunerija jew multa ta’ €2329.37 jew it-tnejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 t’Awwissu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata w dan billi tikkonferma s-sentenza fejn illiberat lill-appellant mir-raba’, mill-hames u mis-sitt imputazzjonijiet kif ukoll mill-addebitu tar-recidiva, w fejn sabitu hati ta’ l-ewwel tlett akkuzi w tvarja l-istess sentenza ghal dak li jikkoncerna l-piena billi tiffissa piena aktar miti w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni maghmul fis-seduta tal-lum li bih preliminarjament ecceppiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell ghax dan gie prezentat “fuori termine” u cioe’ oltre t-tmint ijiem ta’ xoghol mid-data tas-sentenza appellata ;

Semghet it-trattazzjoini dwar din l-eccezzjoni ;

Peress illi jirrizulta li r-rikors tal-appell gie prezentat fis-27 t’ Awwissu, 2009 u cioe’ hdax (11) il-jum ta’ xoghol wara li nghatat is-sentenza appellata w dana ovvjament bl-applikazzjoni tal-principju tad-*“dies a quo non computantur in termine”* , u jidher li dan sar bi ksur tal-vot espress tal-ligi li fl-artikolu 417 (1) tal-Kap.9 jiddisponi li :-

*“L-appell jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b’ rikors li ghandu jigi ipprezentat fi zmien tmint ijiem ta’ xoghol…”*

U peress li dan skond gurisprudenza kostanti gie ritenut li jimporta n-nullita' tar-rikors tal-appell, tiddikjara l-istess rikors irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------